KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKATA ĠENERALI
ĆAPETA
ippreżentati fit-28 ta' Novembru 2024[1]

Kawża C-745/23 [Alenopik][i]

Maksu- ja Tolliamet
vs
UT

(Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mir-Riigikohus (il-Qorti Suprema, l-Estonja))

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Regolament (UE) 2018/1672 – Kontrolli ta' flus kontanti deħlin jew ħerġin mill-Unjoni Ewropea – Artikolu 3(1) – Persuna fiżika li tidħol fl-Unjoni Ewropea – Metodu għad-determinazzjoni tal-valur tal-munita ta' Stat terz għall-finijiet ta' dikjarazzjoni)

I. Introduzzjoni

1. Minkejja l-wiċċ dinamiku tal-kriminalità u ż-żieda fiċ-ċiberkriminalità, bħal frodi diġitali u swieq diġitali illeċiti, il-metodi ta' ħasil tal-flus jibqgħu tradizzjonali ħafna. "Cash is king" (il-flus kontanti huma l-aqwa) u għalhekk għadhom uħud mill-faċilitaturi l-iktar prevalenti għall-ħasil tal-flus u għall-finanzjament tal-attivitajiet terroristiċi li jkopru kważi l-attivitajiet kriminali kollha[2].

2. Skont l-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) 2018/1672[3] (iktar 'il quddiem ir-"Regolament dwar il-kontrolli ta' flus kontanti"), persuna li ġġorr flus kontanti ta' valur ta' EUR 10 000 jew iktar għandha tiddikjara dawn il-flus kontanti lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li minnu tkun dieħla fl-Unjoni jew ħierġa mill-Unjoni (iktar 'il quddiem l-"obbligu ta' dikjarazzjoni tal-Artikolu 3(1)").

3. Madankollu, ir-Regolament dwar il-kontrolli ta' flus kontanti huwa silenzjuż dwar il-metodu li bih jiġi ddeterminat il-valur tal-munita ta' Stat terz sabiex jiġi stabbilit jekk il-limitu tal-EUR 10 000 ġiex osservat. Fuq liema bażi, għalhekk, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Mem-

1 Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

i L-isem ta' din il-kawża huwa fittizju. Dan l-isem ma jikkorrispondi għall-isem reali ta' ebda waħda mill-partijiet fil-proċedura..

2 Ara, f'dan is-sens, il-Grupp tal-Europol dwar l-Intelligenza Finanzjarja, "*Why is Cash still King? A Strategic Report on the Use of Cash by Criminal Groups as a Facilitator for Money Laundering*", l-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija, 2015, p. 7.

3 Regolament (UE) 2018/1672 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-23 ta' Ottubru 2018 dwar kontrolli fir-rigward ta' flus kontanti deħlin fl-Unjoni jew ħerġin mill-Unjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1889/2005 (ĠU 2018, L 284, p. 6, rettifika fil-ĠU 2020, L 435, p. 79) (iktar 'il quddiem ir-"Regolament dwar il-kontrolli ta' flus kontanti").

bri jistgħu jistabbilixxu l-valur tal-flus kontanti ddenominati f'din il-munita, b'mod partikolari fejn il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) ma jippubblikax rata tal-kambju ta' referenza? Din, fil-qosor, hija l-kwistjoni li għandha tingħata risposta mill-Qorti tal-Ġustizzja f'din il-kawża.

II. Il-fatti fil-kawża prinċipali u d-domanda preliminari magħmula

4. Fit-13 ta' Jannar 2023, wara ġurnata jaqdu u jżuru lill-familja, UT (iktar 'il quddiem ir-"rikorrenti fl-ewwel istanza") u bintha jaqsmu l-"Friendship Bridge" ("il-pont tal-ħbiberija") bejn Ivangorod (il-Federazzjoni Russa) u Narva (l-Estonja).

5. Fil-punt ta' kontroll doganali, huma jagħżlu l-front aħdar, li jimplika li huma ma għandhom xejn x'jiddikjaraw lill-awtoritajiet kompetenti. Madankollu, meta ġew imfittxija, huma nstabu li kienu qegħdin iġorru 500 000 hryvnia Ukraina (UAH) (madwar EUR 12 565.714) kull waħda fi flus kontanti, maqsumin f'pakketti ta' karti ta' flus ta' mija u marbutin flimkien bil-lastku. Il-flus kontanti kienu nstabu moħbija fil-bwiet tagħhom, taħt l-inforra ta' ħwejjiġhom u fil-kapep tal-ġkieket tagħhom.

6. Minħabba li l-Bank Ċentrali Ewropew ma jippubblikax rata ta' referenza tal-kambju tal-euro fil-hryvnia Ukraina [4], sabiex jiġi stabbilit il-valur tal-UAH 500 000 li r-rikorrenti fl-ewwel istanza u bintha kellhom fuq il-persuna tagħhom f'euro, l-awtoritajiet kompetenti Estonjani bbażaw fuq ir-rata tal-kambju tal-konvertitur tal-munita ppubblikata fis-sit internet www.xe.com, kumpannija ta' għodda u servizzi tal-kambju tal-munita barranija diġitali bbażata fil-Kanada [5].

7. Skont il-konvertitur tal-munita ta' dan is-sit internet, il-valur tal-flus kontanti li r-rikorrenti fl-ewwel istanza u bintha kienu qegħdin iġorru fil-jum tal-qsim tal-fruntiera inkwistjoni kien jammonta għal EUR 12 565.714 kull waħda.

8. Konsegwentement, l-awtoritajiet kompetenti Estonjani kkonstataw li l-flus kontanti li kienu qegħdin iġorru r-rikorrenti fl-ewwel istanza u bintha eċċedew il-livell limitu ta' EUR 10 000 minimu stabbilit fir-Regolament dwar il-kontrolli ta' flus kontanti, bil-konsegwenza li dawn il-flus kontanti kellhom jiġu ddikjarati.

9. Permezz ta' deċiżjoni tat-13 ta' Frar 2023, l-awtoritajiet kompetenti Estonjani imponew multa fuq ir-rikorrenti fl-ewwel istanza għall-ammont ta' EUR 600 minħabba li naqset milli tiddikjara l-flus kontanti [6]. Dawn l-awtoritajiet għażlu wkoll li jikkonfiskaw il-hryvnia Ukraina li ma ġietx iddikjarata.

10. F'appell lill-Viru Maakohus (il-Qorti tal-Ewwel Istanza ta' Viru, l-Estonja), ir-rikorrenti fl-ewwel istanza spjegat li l-flus kontanti misjuba ma kinux tagħha u li hija ma kinitx taf dwar l-obbligu li tiddikjara dawn il-flus kontanti. Ir-rikorrenti fl-ewwel istanza spjegat li l-flus kontanti effettivament kienu jappartjenu lil RR, ċittadin Ukrain residenti fl-Estonja, li, minħabba l-gwerra li għaddejja fl-Ukraina, ma setax jittrasferixxi dawn il-flus lejn l-Unjoni Ewropea. Huwa għalhekk

[4] Fil-mument li fih qegħdin jinkitbu dawn il-konklużjonijiet, il-Bank Ċentrali Ewropew kien ippubblika rati tal-kambju ta' referenza tal-euro fi flus barranin għal basket ta' 31 munita biss. Ara Bank Ċentrali Ewropew, "Qafas għar-rati tal-kambju ta' referenza tal-euro", 2023, punt 2.5.

[5] Skont l-osservazzjonijiet tal-Gvern Estonjan, l-awtoritajiet tiegħu bdew jirrikorru għal dan is-sit internet minn April 2022, wara diskussjoni mal-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħrajn, minħabba li l-Bank Ċentrali Ewropew issospenda l-pubblikazzjoni tar-rata tal-kambju ta' kuljum għar-rubil Russu u għall-euro.

[6] Skont il-proċess tal-kawża prinċipali, tressqu proċeduri separati kontra bint ir-rikorrenti. Dan ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jirrigwarda biss il-proċeduri kontra r-rikorrenti nnifisha.

kien talab lil bint ir-rikorrenti fl-ewwel istanza sabiex iġġib il-flus kontanti li kienu jappartjenu lilu minn Ivangorod fl-Estonja. Wara li vverifika r-rata tal-kambju għal hryvnia Ukraina fis-sit internet www.tavid.ee, RR kien ikkonkluda li l-flus kontanti ma kellhomx għalfejn jiġu ddikjarati, għaliex il-valur tagħhom, kif kien jidher fuq dan is-sit internet, kien allegatament inqas mil-livell limitu ta' EUR 10 000. RR kien allegatament ikkomunika din l-informazzjoni lil bint ir-rikorrenti, li sussegwentement kienet infurmat lil ommha. Ir-rikorrenti fl-ewwel istanza għalhekk sostniet li hija ma kellhiex l-intenzjoni li ddaħħal l-UAH 500 000 b'mod sigriet fl-Estonja, iżda li r-raġuni għalfejn hija kienet ħbiet il-flus kontanti kienet minħabba l-biża' li jinsterqu.

11. Fit-tilwima li segwiet, il-Viru Maakohus (il-Qorti tal-Ewwel Istanza ta' Viru) ikkonfermat parzjalment l-appell tar-rikorrenti fl-ewwel istanza u, permezz ta' deċiżjoni tat-28 ta' April 2023, annullat is-sanzjoni oriġinali u d-deċiżjoni ta' konfiska tal-awtoritajiet kompetenti Estonjani. Il-Viru Maakohus (il-Qorti tal-Ewwel Istanza ta' Viru) minflok, imponiet multa ta' EUR 400 u ordnat ir-ritorn tal-UAH 500 000 li kienu ġew maqbuda.

12. L-awtoritajiet Estonjani kompetenti ppreżentaw appell ta' kassazzjoni quddiem ir-Riigikohus (il-Qorti Suprema, l-Estonja).

13. Ir-Riigikohus (il-Qorti Suprema) tesprimi d-dubji tagħha dwar il-mod ta' determinazzjoni tar-rata tal-kambju fil-kawża li hija adita biha. Din il-qorti tosserva li l-metodu ta' konverżjoni tal-flus kontanti f'munita li r-rata tal-kambju tagħha ma hijiex ippubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew f'euro ma huwiex speċifikat fid-dritt tal-Unjoni jew fid-dritt nazzjonali.

14. F'dawn iċ-ċirkustanzi, ir-Riigikohus (il-Qorti Suprema) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"Kif għandha tiġi ddeterminata r-rata tal-kambju li abbażi tagħha għandu jiġi stabbilit il-valur tal-flus kontanti fis-sens tal-Artikolu 3(1) tar-[Regolament dwar il-kontrolli ta' flus kontanti], fil-każ ta' munita li r-rata tal-kambju tagħha ma hijiex ippubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew?"

15. Ġew ippreżentati osservazzjonijiet bil-miktub mill-Gvern Estonjan u mill-Kummissjoni Ewropea. Ma nżammet l-ebda seduta.

III. Analiżi

16. Dawn il-konklużjonijiet huma strutturati kif ġej. L-ewwel, ser nintroduċi fil-qosor l-isfond legali għall-obbligu ta' dikjarazzjoni tal-Artikolu 3(1) li jirriżulta mir-Regolament dwar il-kontrolli ta' flus kontanti (A). Sussegwentement, ser nirritorna għall-argument prinċipali tal-Gvern Estonjan u tal-Kummissjoni, jiġifieri li l-prinċipji ta' konverżjoni monetarja li jirriżultaw mill-Kodiċi Doganali tal-Unjoni[7] u mill-Att ta' Implimentazzjoni tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni[8] għandhom jinformaw il-qari tar-Regolament dwar il-kontrolli ta' flus kontanti (B). Finalment, ser nispjega għalfejn nikkunsidra li r-Regolament dwar il-kontrolli ta' flus kontanti jħalli f'idejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, il-kwistjoni dwar kif għandu jiġi stabbilit il-valur tal-flus kontanti ddenominati f'munita barranija (C).

[7] Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU 2013, L 269, p. 1; rettifiki fil-ĠU 2013, L 287, p. 90 u fil-ĠU 2016, L 267, p. 2) (iktar 'il quddiem il-"Kodiċi Doganali tal-Unjoni").

[8] Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 tal-24 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 952/2013 (ĠU 2015, L 343, p. 558; rettifiki fil-ĠU 2016, L 87, p. 35 u fil-ĠU 2017, L 101, p. 195) (iktar 'il quddiem l-"Att ta' Implimentazzjoni tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni").

A. Sfond għall-obbligu ta' dikjarazzjoni tal-Artikolu 3(1)

17. Fl-1991, il-leġiżlatur tal-Unjoni adotta d-Direttiva kontra l-ħasil tal-flus [9]. Kif jissuġġerixxi isimha, l-għan ta' din id-direttiva kien li jiġi miġġieled il-ħasil tal-flus tad-dħul minn oriġini illeċita u minn kriminalità organizzata, iżda wkoll sabiex jiġu protetti s-sigurtà, l-istabbiltà u l-kunfidenza fis-sistema finanzjarja b'mod sħiħ [10]. Għaldaqstant, din id-direttiva kienet teħtieġ lil istituzzjonijiet ta' kreditu, istituzzjonijiet finanzjarji u ċerti professjonijiet sabiex jidentifikaw klijenti li t-tranżazzjonijiet tagħhom kienu jinvolvu somma li tammonta għal 15 000 Unità Monetarja Ewropea jew iktar [11].

18. Madankollu, dak iż-żmien, l-ebda strument tad-dritt tal-Unjoni ma ppreveda kontrolli obbligatorji fil-fruntiera nazzjonali tal-movimenti tal-flus kontanti, u huwa għalhekk li uħud biss mill-Istati Membri kienu introduċew dawn il-kontrolli [12].

19. Billi ġie rrikonoxxut ir-riskju li n-nuqqas ta' tali kontrolli mal-Unjoni jista' jippreġudika l-effettività tal-obbligi ta' sorveljanza introdotti permezz tad-Direttiva kontra l-ħasil tal-flus, inbeda proġett konġunt bejn is-servizzi doganali ta' ħmistax-il Stat Membru (kif kienu dak iż-żmien), imsejjaħ "Operation Moneypenny" [13]. Dan il-proġett kien intiż sabiex jeżamina l-livell ta' movimenti transkonfinali ta' flus kontanti tul il-fruntieri interni u esterni tal-Unjoni Ewropea [14].

20. Għalkemm limitata fil-portata tagħha, din l-operazzjoni żvelat li l-volum ta' flus kontanti li kien ittrasportat ġewwa l-fruntieri tal-Unjoni kien tali li ppreżenta riskju potenzjali kemm lill-interessi tal-Unjoni kif ukoll tal-Istati Membri, b'mod partikolari fid-dawl tad-differenzi sostanzjali fil-kontrolli ta' movimenti ta' flus kontanti (fejn kienu jeżistu) ġewwa l-Istati Membri [15].

21. Iż-żieda tal-euro bħala (kważi) munita unika għas-suq intern mingħajr fruntieri għamlet dawn id-diskrepanzi fil-kontrolli nazzjonali tal-movimenti tal-flus kontanti iktar problematiċi għall-funzjonament tajjeb ta' dan is-suq [16].

22. F'dan l-isfond, ir-Regolament (KE) 1889/2005 ġie adottat.

[9] Direttiva tal-Kunsill 91/308/KEE tal-10 ta' Ġunju 1991 dwar il-prevenzjoni ta' l-użu tas-sistema finanzjarja għall-iskop tal-ħasil tal-flus (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti Kap 9, Vol. 1, p. 153) (iktar 'il quddiem id-"Direttiva kontra l-ħasil tal-flus").

[10] Ara d-Direttiva kontra l-ħasil tal-flus, it-tieni premessa.

[11] Ara d-Direttiva kontra l-ħasil tal-flus, Artikolu 3(1).

[12] Ara r-Rapport tal-Kummissjoni lill-Kunsill dwar il-kontrolli fuq il-movimenti transkonfinali tal-flus kontanti (COM/2002/328 final) (iktar 'il quddiem ir-"Rapport tal-Kummissjoni tal-2002"), punt 9.

[13] "Operation Moneypenny" kien twettaq minn Settembru 1999 sa Frar 2000 mis-servizzi doganali tal-Istati Membri bl-iskop ta' sorveljanza tal-movimenti transkonfinali tal-flus kontanti li jeċċedu EUR 10 000, sabiex jiġi ddeterminat jekk l-iskala ta' tali movimenti kinitx waħda ta' theddida għall-effettività tal-kontrolli applikati mill-istituzzjonijiet finanzjarji sabiex jipprevjenu l-ħasil tal-flus. Ara d-Dokument tal-Kunsill 9630/2/00 tas-7 ta' Settembru 2000.

[14] Ara d-Dokument tax-Xogħol tal-Persunal tal-Kummissjoni – Valutazzjoni tal-Impatt li jakkumpanja d-dokument Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar kontrolli fir-rigward ta' flus kontanti dieħlin fl-Unjoni jew ħerġin mill-Unjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1889/2005 (SWD(2016) 470 finali) (iktar 'il quddiem id-"Dokument tax-Xogħol tal-Persunal tal-Kummissjoni tal-2016"), p. 70. Ara wkoll ir-Rapport tal-Kummissjoni tal-2002, punt 4. Ara wkoll ir-Rapport tal-Kummissjoni tal-2002, punti 4 u 13 (li jenfasizza li, fid-dawl tal-avveniment tal-11 ta' Settembru 2001, "kontrolli fuq il-movimenti tal-flus permezz ta' istituzzjonijiet finanzjarji ġew neċessarjament ristretti […] [sabiex] ikun għalhekk possibbli li jintużaw il-flus kontanti bħala soluzzjoni alternattiva") (traduzzjoni mhux uffiċjali).

[15] Ara d-Dokument tax-Xogħol tal-Persunal tal-Kummissjoni tal-2016, p. 71 u 72.

[16] Ara l-premessa 3 tar-Regolament (KE) Nru 1889/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2005 dwar kontrolli ta' flus kontanti dieħlin fil-Komunità jew ħerġin mill-Komunità (ĠU 2005, L 309, p. 9). Ara wkoll ir-Rapport tal-Kummissjoni tal-2002, punt 14 li jenfasizza li "din l-interpenetrazzjoni tal-ekonomiji tal-Istati Membri tfisser li diskrepanzi [nazzjonali] fuq il-kontrolli fil-fruntieri tal-movimenti ta' flus kontanti huma ddestinati li jsiru eċċezzjonali u li jkun diffiċli li jiġu ġġustifikati. Kontrolli stretti fi Stat Membru wieħed jistgħu jkunu biżżejjed sabiex jidderieġu l-movimenti lejn Stat Membru qrib li jkollu ftit jew ma jkollu l-ebda kontrolli. In-natura differenti tas-sistemi ta' kontroll applikati mill-Istati Membri hija wkoll dubjuża mill-perspettiva tas-suq uniku" (traduzzjoni mhux uffiċjali),

23. Filwaqt li jakkumpanja l-attivitajiet għall-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus tat-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja dwar il-Ħasil tal-Flus [17], ir-Regolament Nru 1889/2005 introduċa l-obbligu fuq il-portaturi tal-flus kontanti "ta' valur ta' 10 000 euro jew iżjed" sabiex jiddikjaraw dawk il-flus kontanti lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru [18].

24. Għalkemm dan il-livell limitu kien stabbilit taħt il-livell limitu ta' kontroll ta' EUR 15 000 impost mit-Tielet Direttiva kontra l-ħasil tal-flus [19], ir-Regolament Nru 1889/2005 fittex li jikkumplimenta din id-direttiva u jaġixxi fuq ir-riskju li l-kontrolli li kienet introdućiet kienu ser iwasslu għal żieda fil-movimenti fiżiċi ta' flus kontanti għal finijiet illeċiti fil-fruntieri esterni tal-Unjoni [20].

25. Fl-2018, ir-Regolament dwar il-kontrolli ta' flus kontanti ssostitwixxa l-predeċessur tiegħu tal-2005 sabiex jinkorpora aġġornamenti li jirriflettu l-aħjar prattiki nazzjonali u l-aħħar rakkomandazzjonijiet mit-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja [21].

26. Ir-Regolament dwar il-kontrolli ta' flus kontanti jżomm l-obbligu ta' dikjarazzjoni tal-Artikolu 3(1) introdott mill-predeċessur tiegħu.

27. Għalhekk, skont l-Artikolu 3(1) ta' dak ir-regolament, portaturi ta' flus kontanti ta' valur ta' EUR 10 000 jew iktar għandhom jiddikjaraw dan l-ammont lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li fih ser jidħlu fl-Unjoni jew joħorġu minnha u jagħmlu dawn il-flus kontanti disponibbli lil dawn l-awtoritajiet għall-kontroll.

28. Il-kunċett ta' "flus kontanti" huwa maqsum f'erba' kategoriji, fejn fosthom hemm il-kategorija tal-"munita" [22].

29. "Munita" hija mfissra bħala "karti tal-flus u muniti li huma fiċ-ċirkolazzjoni bħala mezz ta' skambju jew li kienu fiċ-ċirkolazzjoni bħala mezz ta' skambju u li għadu possibbli li jiġu skambjati, permezz ta' istituzzjonijiet finanzjarji jew banek ċentrali, għal karti tal-flus u muniti li huma fiċ-ċirkolazzjoni bħala mezz ta' skambju" [23].

[17] Ara r-Regolament dwar il-kontrolli ta' flus kontanti, premessi 5 u 6, Regolament Nru 1889/2005, premessa 4 u d-Dokument tax-Xogħol tal-Persunal tal-Kummissjoni tal-2016, p. 114, li jirreferi għar-Rakkomandazzjoni Speċjali IX tat-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja, li iktar 'il quddiem ġiet imsemmija mill-ġdid "Rakkomandazzjoni 32" u ssupplimentata b'nota interpretattiva. Ir-rakkomandazzjonijiet ta' dan it-Task Force jsejħu lill-gvernijiet sabiex jieħdu l-miżuri sabiex jidentifikaw movimenti fiżiċi tal-flus kontanti, inkluż permezz ta' obbligi ta' żvelar. Il-Qorti tal-Ġustizzja indikat preċedentement lit-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja bħala l-korp internazzjonali prinċipali li jiġġieled kontra l-ħasil tal-flus (ara, f'dan ir-rigward, is-sentenza tal-25 ta' April 2013, Jyske Bank Gibraltar, C-212/11, EU:C:2013:270, punt 46).

[18] Ara r-Regolament Nru 1889/2005, Artikolu 3.

[19] Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2005 dwar il-prevenzjoni ta' l-użu tas-sistema finanzjarja għall-iskop tal-*money laundering* u l-finanzjament tat-terroriżmu (ĠU 2005, L 309, p. 15, rettifika fil-ĠU 2006, L 114, p. 102) (iktar 'il quddiem it-"Tielet Direttiva kontra l-ħasil tal-flus"). Filwaqt li d-t-Tielet Direttiva kontra l-ħasil tal-flus żammet livell minimu ta' EUR 15 000 (ara l-Artikolu 2(e) tagħha), negozjati bejn tliet partijiet jidħru li wasslu għal livell limitu iktar baxx ta' EUR 10 000, li d-delegazzjoni Taljana enfasizzat bħala mhux "konsistenti mal-[…] livell limitu ta' EUR 15 000" (traduzzjoni mhux uffiċjali) stabbilit f'dik id-direttiva (ara l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, abbozz tal-minuti tal-2672 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni (Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji), 12 ta' Lulju 2005, 11128/05, p. 6.

[20] Ara r-Regolament dwar il-kontrolli ta' flus kontanti, Artikolu 1 u premessa 4, Regolament Nru 1889/2005, Artikolu 2 u premessa 2 u s-sentenza tas-16 ta' Lulju 2015, Chmielewski (C-255/14, EU:C:2015:475, punt 17).

[21] Ara r-Regolament dwar il-kontrolli ta' flus kontanti, premessa 8.

[22] Ara r-Regolament dwar il-kontrolli ta' flus kontanti, Artikolu 2(1)(a)(i) u l-premessa 13. It-tliet kategoriji l-oħra koperti minn dan il-kunċett huma "l-istrumenti negozjabbli għall-portatur, il-komoditajiet li jintużaw bħala ħażniet [likwidi ħafna] ta' valur u kards bi ħlas antiċipat".

[23] Ara r-Regolament dwar il-kontrolli ta' flus kontanti, Artikolu 2(c).

30. Madankollu, bħall-predeċessur tiegħu, ir-Regolament dwar il-kontrolli ta' flus kontanti ma jipprovdix, tal-inqas mid-dehra, għall-obbligu ta' dikjarazzjoni tal-Artikolu 3(1) fil-każijiet ta' flus kontanti li huma ddenominati f'munita li ma hijiex tal-Unjoni.

31. Minkejja dan, il-premessa 4 ta' dan ir-regolament tispjega li, fid-dawl tal-iskop tiegħu li jipprevjeni u jidentifika l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, is-sistema ta' kontrolli ta' flus kontanti introdotta minnu tapplika għal EUR 10 000 "jew l-ekwivalenti tiegħu f'muniti *oħra*" [24].

32. Jekk moqri fil-kuntest li jiġi żgurat li s-sistema finanzjarja u l-movimenti monetarji fit-territorju tal-Unjoni ma jintużawx għall-ħasil ta' flus u finijiet illeċiti oħrajn [25], il-kamp ta' applikazzjoni tal-obbligu ta' dikjarazzjoni tal-Artikolu 3(1) għalhekk japplika wkoll għall-flus kontanti ddenominati f'munita li ma hijiex l-euro.

33. Fl-istess ħin, madankollu, ir-Regolament dwar il-kontrolli ta' flus kontanti ma jistabbilixxix xi metodu partikolari għad-determinazzjoni tal-valur tal-flus kontanti li ma humiex iddenominati f'euro għall-finijiet li tiġi żgurata l-osservanza tal-obbligu ta' dikjarazzjoni tal-Artikolu 3(1).

34. Huwa minħabba dan li jirriżultaw il-kwistjonijiet f'din il-kawża.

B. Fuq l-invokazzjoni tar-regoli tal-leġiżlazzjoni doganali tal-Unjoni

35. Fis-sottomissjonijiet bil-miktub tagħhom, kemm il-Gvern Estonjan kif ukoll il-Kummissjoni huma tal-fehma li d-determinazzjoni tal-valur tal-flus kontanti f'munita li ma hijiex tal-Unjoni għall-finijiet tal-obbligu ta' dikjarazzjoni tal-Artikolu 3(1) għandha titwettaq fuq il-bażi ta' prinċipji ta' konverżjoni monetarja applikabbli għar-regoli ta' valutazzjoni doganali, li jinsabu fil-Kodiċi Doganali tal-Unjoni u fl-Att ta' Implimentazzjoni tiegħu [26].

36. Jiena ma naqbilx. Il-Kodiċi Doganali tal-Unjoni japplika biss għal merkanzija, u munita li hija fiċ-ċirkolazzjoni bħala mezz ta' skambju ma taqax fil-kunċett ta' "merkanzija".

37. Fi kwalunkwe każ, anki li kieku l-leġiżlazzjoni doganali tal-Unjoni kienet tapplika, ir-riżultat ta' din il-kawża ikun l-istess – jiġifieri, xorta waħda jkun f'idejn l-Istati Membri sabiex jiddeterminaw ir-rata tal-kambju applikabbli.

38. L-ewwel ser nispjega għalfejn id-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni doganali tal-Unjoni ma japplikawx.

39. Billi jiddefinixxi l-portata tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, l-Artikolu 1(1) tiegħu jiddikjara li dan l-att jistabbilixxi r-regoli u l-proċeduri ġenerali "applikabbli għal *merkanzija* li tiddaħħal jew tinħareġ 'il barra mit-territorju doganali tal-Unjoni" [27].

[24] Enfasi miżjuda.

[25] Ara, għal dan il-għan, il-premessi 2 sa 4, 10 u 17 tar-Regolament dwar il-kontrolli ta' flus kontanti u s-sentenza tal-4 ta' Mejju 2017, El Dakkak u Intercontinental (C-17/16, EU:C:2017:341, punt 29 u l-ġurisprudenza ċċitata) fejn din tal-aħħar tispjega li dan ir-regolament huwa "intiż sabiex jipprevjeni, jiddisswadi u jevita l-introduzzjoni, fis-sistema finanzjarja, tar-rikavat ta' attivitajiet illegali u l-investiment ta' dan ir-rikavat wara l-ħasil tiegħu permezz, b'mod partikolari, ta' prinċipju ta' dikjarazzjoni obbligatorja tal-movimenti ta' flus kontanti deħlin jew ħerġin mill-Unjoni, li tippermetti l-ġbir ta' informazzjoni dwar dawn".

[26] Ara n-noti ta' qiegħ il-paġna 7 u 8 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[27] Enfasi miżjuda.

40. L-applikabbiltà tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni għaċ-ċirkustanzi ta' din il-kawża għalhekk tiddependi fuq il-kwistjoni dwar jekk "flus kontanti" jikkostitwixxux "merkanzija" għall-finijiet ta' dan l-att tad-dritt tal-Unjoni.

41. Il-Kodiċi Doganali tal-Unjoni ma jiddefinixxix il-portata ta' x'jikkostitwixxi "merkanzija"[28], iżda ma jagħmilx riferiment għal-liġi tal-Istati Membri. Għalhekk, il-kunċett ta' "merkanzija" għandu jingħata tifsira awtonoma u uniformi fid-dritt tal-Unjoni.

42. Din it-tifsira kienet indikata mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Il-Kummissjoni vs L-Italja, fejn hija spjegat li "merkanzija, fit-tifsira tad-[dritt tal-Unjoni], għandha tfisser prodotti li jistgħu jiġu vvalutati fi flus u li huma kapaċi, bħala tali, li jiffurmaw is-suġġett ta' tranżazzjonijiet kummerċjali"[29].

43. Fil-kuntest tal-moviment liberu tal-merkanzija, f'żewġ sentenzi li ngħataw iżjed tard, Thompson *et*[30] u Bordessa *et*[31], il-Qorti tal-Ġustizzja kellha iktar okkażjoni sabiex tispjega li "flus kontanti", kemm fil-forma ta' muniti jew karti tal-flus, sa fejn jikkostitwixxu assi ta' valur, ma jikkostitwixxux "merkanzija" għall-finijiet tal-moviment liberu tal-merkanzija.

44. Għalhekk, f'Thompson *et*, il-Qorti tal-Ġustizzja kienet ippreżentata bid-domanda dwar jekk Krugerrands – muniti tad-deheb ivvintati fl-Afrika t'Isfel – jaqgħux fil-portata tad-dispożizzjonijiet dwar il-moviment liberu tal-merkanzija. Hija osservat li "skont is-sistema tat-Trattat mezzi ta' ħlas ma għandhomx jitqiesu bħala merkanzija li taqa' fl-ambitu tal-[moviment liberu tal-merkanzija]"[32]. Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja spjegat li, "għalkemm jista' jkun hemm dubji dwar il-kwistjoni jekk Krugerrands għandhomx jitqiesu bħala mezzi ta' ħlas legali xorta waħda jista' jiġi nnotat li fis-swieq tal-flus ta' dawn l-Istati Membri li jippermettu tranżazzjonijiet b'dawn il-muniti, dawn huma ttrattati bħala ekwivalenti għal munita"[33]. It-trasferiment tagħhom konsegwentement jaqa' lil hinn mill-portata tad-dispożizzjonijiet dwar il-moviment liberu tal-merkanzija[34].

45. Din il-loġika kienet estiża għal karti tal-flus tal-munita ta' Stat Membru fis-sentenza Bordessa *et*, li kkonċernat persuni fiżiċi li jaqsmu l-fruntiera bejn Spanja u Franza bi 38 miljun u 50 miljun peseta Spanjola (ESP) rispettivament fuq persunthom[35]. Meta ġiet mitluba mill-qorti nazzjonali sabiex tipprovdi gwida dwar jekk sistema ta' awtorizzazzjoni preċedenti dikjarattiva jew amministrattiva taqax taħt id-dispożizzjonijiet tal-moviment liberu tal-merkanzija, il-Qorti tal-Ġustizzja spjegat li "it-trasferiment fiżiku tal-assi jaqa' […] skont l-Artikolu [65 TFUE] u d-direttiva li timplimenta din id-dispożizzjoni"[36], għalhekk fi ħdan il-moviment liberu tal-kapital, u mhux fil-portata tad-dispożizzjonijiet dwar il-moviment liberu tal-merkanzija[37].

[28] Peress li dan l-att sempliċement jistabbilixxi tipi separati tal-istatus għal "merkanzija tal-Unjoni" u "merkanzija mhux tal-Unjoni"; ara l-Artikolu 5(23) u (24) tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni.

[29] Sentenza tal-10 ta' Diċembru 1968, Il-Kummissjoni vs L-Italja (7/68, EU:C:1968:51, p. 428).

[30] Sentenza tat-23 ta' Novembru 1978, Thompson *et* (7/78, EU:C:1978:209) (iktar 'il quddiem is-"sentenza Thompson *et*").

[31] Sentenza tat-23 ta' Frar 1995, Bordessa *et* (C-358/93 u C-416/93, EU:C:1995:54; iktar 'il quddiem is-"sentenza "Bordessa *et*).

[32] Thompson *et*, punt 25.

[33] Thompson *et*, punt 27.

[34] Thompson *et*, punt 28.

[35] Skont ir-rata tal-kambju tal-1999, meta l-euro ġiet introdotta fi Spanja, dawn l-ammonti kienu jkunu jiswew madwar EUR 228 300 u EUR 300 500.

[36] Bordessa *et*, punt 13. Id-direttiva li l-Qorti tal-Ġustizzja tagħmel riferiment f'dik is-sentenza hija d-Direttiva tal-Kunsill 88/361/KEE tal-24 ta' Ġunju 1988 għall-implimentazzjoni ta' l-Artikolu 67 tat-Trattat (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 10, Vol. 1, p. 10); ara l-punt 1 ta' dik is-sentenza.

[37] Bordessa *et*, punt 15.

46. Isegwi għalhekk mill-ġurisprudenza indikata iktar ’il fuq li l-flus kontanti, fil-forma ta’ munita barranija, huma esklużi mill-portata tal-kunċett ta’ “merkanzija”, fis-sens mogħti lil dan il-kunċett fl-Artikolu 28 TFUE, sakemm is-swieq finanzjarji jippermettu tranżazzjonijiet b’din il-munita.

47. F’din il-kawża, jirriżulta mill-proċess tal-kawża prinċipali li ż-żewġ siti internet użati bħala punti ta’ riferiment għall-finijiet ta’ kalkolu tal-ekwivalenti għal EUR 10 000 bil-hryvnia Ukraina jidhru li jirrikonoxxu din il-munita bħala kambjabbli f’euro [38].

48. Minn dan il-prinċipju biss, jidhirli stabbilit li l-hryvnia Ukraina tikkostitwixxi munita rrikonoxxuta mis-swieq finanzjarji bħala waħda possibbli għall-konverżjoni f’euro [39].

49. Bla ħsara għall-verifika mill-qorti tar-rinviju, jiena għalhekk nikkonkludi li l-flus kontanti fil-forma ta’ hryvnia Ukraina, meta jingarru minn persuna tul fruntiera esterna tal-Unjoni, ma jaqgħux fil-kunċett ta’ “merkanzija” fis-sens tad-dritt tal-Unjoni.

50. Il-Kodiċi Doganali tal-Unjoni għalhekk ma japplikax għal din il-kawża [40].

51. It-tieni, kif diġà aċċennajt fil-punt 37 ta’ dawn il-konklużjonijiet, anki jekk il-leġiżlazzjoni doganali tal-Unjoni kellha tapplika, ma kinitx ser toffri risposta għad-domanda preliminari tal-qorti tar-rinviju.

52. F’dan ir-rigward, il-Gvern Estonjan u l-Kummissjoni jsostnu li r-Regolament dwar il-kontrolli ta’ flus kontanti għandu jiġi kkjarifikat bl-Artikolu 53(1)(a) tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni u bl-Artikolu 146(4) tal-Att ta’ Implimentazzjoni tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni.

53. Skont l-ewwel wieħed, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jippubblikaw u/jew jagħmlu disponibbli fuq l-internet ir-rata tal-kambju applikabbli fejn il-konverżjoni monetarja tkun neċessarja minħabba li “fatturi użati għad-determinazzjoni tal-valur doganali tal-merkanzija huma espressi f’munitai oħra barra dik tal-Istat Membru[…]” inkwistjoni. Din id-dispożizzjoni hija ssupplimentata bl-Artikolu 146(4) tal-Att ta’ Implimentazzjoni tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, li jistabbilixxi li, għal dawk l-okkażjonijiet fejn ir-rata tal-kambju ma tkunx ġiet ippubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew jew mill-awtorità nazzjonali kompetenti, “ir-rata [tal-kambju] […] għandha tiġi stabbilita mill-Istat Membru kkonċernat. Din ir-rata għandha tirrifletti l-valur tal-munita tal-Istat Membru kkonċernat mill-aktar qrib possibbli”.

54. Għalhekk, il-leġiżlazzjoni doganali sempliċement terġa’ tindirizza lill-Istati Membri, billi tobbligahom sabiex jiddeterminaw ir-rata tal-kambju applikabbli.

[38] Jiġifieri www.xe.com u www.tavid.ee.

[39] Nosserva wkoll li l-Unjoni ffirmat Ftehim ta’ Assoċjazzjoni mal-Ukraina (ara l-Ftehim ta’ Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukraina, min-naħa l-oħra (ĠU 2014, L 161, p. 3; rettifika fil-ĠU 2014, L 326, p. 5), li skontu l-Unjoni tirrikonoxxi lill-Bank Nazzjonali tal-Ukraina bħala kapaċi li jikkalkola u jikkonverti l-valur ta’ kuntratti pubbliċi ddenominati f’euro fil-hryvnia Ukraina (ara l-Artikolu 149(3) tal-Ftehim ta’ Assoċjazzjoni, li jispjega li “il-kalkolu tal-valur stmat tal-kuntratt pubbliku jkun ibbażat fuq l-ammont totali pagabbli, nett mit-Taxxa fuq il-Valur miżjud. Meta jkunu applikati l-valuri minimi, l-Ukraina se tikkalkula u tikkonverti dawn il-valuri fil-munita nazzjonali tagħha, bl-użu tar-rati tal-kambju tal-Bank Nazzjonali tagħha”). Ara wkoll l-Artikolu 144 ta’ dan il-ftehim, li skontu l-Unjoni u l-Ukraina jilliberalizzaw il-pagamenti u t-trasferimenti ta’ bejniethom.

[40] Fi kwalunkwe każ, is-sempliċi fatt li, f’xi Stati Membri, bħall-Estonja, l-awtoritajiet doganali jieħdu r-rwol li jinfurzaw l-obbligu ta’ dikjarazzjoni tal-Artikolu 3(1) ma jagħmilx awtomatikament ir-Regolament dwar il-kontrolli ta’ flus kontanti bħala att tad-dritt doganali tal-Unjoni. Fost l-oħrajn, huwa ċar mill-Artikolu 2(g) tar-Regolament dwar il-kontrolli ta’ flus kontanti, moqri flimkien mal-premessa 12 tiegħu, li l-Istati Membri jistgħu wkoll jagħżlu awtoritajiet oħrajn li jkunu preżenti fil-fruntieri esterni, u mhux biss dawk doganali, sabiex jaġixxu bħala awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tar-Regolament dwar il-kontrolli ta’ flus kontanti. L-użu, fl-Estonja, tal-awtoritajiet doganali għall-infurzar ta’ dawn ir-regoli huwa għalhekk kwistjoni ta’ konvenjenza u mhux waħda tat-tfassil tal-qafas tal-kontrolli tal-flus kontanti.

C. Fuq il-fatt li l-Istati Membri jitħallew jimlew il-vojt

55. Minħabba li r-Regolament dwar il-kontrolli ta' flus kontanti ma jirregolax il-metodu li bih il-valur ta' munita barranija għandu jiġi kkalkolat f'euro, u l-leġiżlazzjoni doganali tal-Unjoni ma tapplikax[41], nista' nikkonkludi biss li l-leġiżlatur tal-Unjoni ħalla din il-kwistjoni sabiex tissolva mill-ordinamenti ġuridiċi domestiċi tal-Istati Membri[42].

56. Anki jekk regolamenti huma atti li, permezz tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 288 TFUE, suppost għandhom ikunu applikabbli direttament fuq l-Istati Membri, huma madankollu xi drabi, espressament jew impliċitament, jeħtieġu implimentazzjoni addizzjonali. Nemmen li din hija s-sitwazzjoni f'din il-kawża.

57. Għalhekk, ir-risposta lill-qorti tar-rinviju tista' sempliċement tkun li d-dritt tal-Unjoni ma jirregolax il-metodu għad-determinazzjoni tar-rata tal-kambju sabiex jinkiseb il-valur tal-flus kontanti għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament dwar il-kontrolli ta' flus kontanti, fejn dawn il-flus kontanti huma ddenominati f'munita li r-rata tal-kambju tagħha ma hijiex ippubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew. Minflok, ir-Regolament dwar il-kontrolli ta' flus kontanti jħalli din il-kwistjoni f'idejn l-Istati Membri sabiex isolvu.

58. Madankollu, din ir-risposta tista' ma tkunx utli ħafna għall-qorti tar-rinviju.

59. Kif iktar jista' d-dritt tal-Unjoni jgħin lill-qorti tar-rinviju sabiex tevalwa l-adegwatezza tas-soluzzjoni adottata mill-awtoritajiet kompetenti Estonjani f'din il-kawża?

60. Meta jimlew il-vojt li tħalla minn regolament, l-Istati Membri għandhom jipprovdu soluzzjoni li tippermetti lil individwi jgawdu effettivament mid-drittijiet li dan ir-regolament jagħtihom.

61. L-Artikolu 3(1) tar-Regolament dwar il-kontrolli ta' flus kontanti jista' jkun ukoll espress fir-rigward ta' dritt: portatur għandu d-dritt li jġib sa EUR 10 000 fi flus kontanti fl-Unjoni min-għajr ma jiddikjarahom lill-awtoritajiet kompetenti.

62. Sabiex wieħed ikun jaf jekk hemmx obbligu ta' dikjarazzjoni ta' flus kontanti li huma ddenominati f'munita barranija, il-portatur ta' dawn il-flus kontanti għandu jkun kapaċi jidentifika kif l-awtoritajiet kompetenti jikkalkolaw il-valur ta' din il-munita f'euro. Għalhekk, wieħed jista' jikkonkludi li l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jippubblikaw informazzjoni dwar il-metodu ta' kalkolu tal-valur tal-munita barranija f'euro. Din l-informazzjoni għandha tkun disponibbli lill-persuna li tidħol fl-Unjoni qabel taqsam il-fruntiera.

63. Barra minn dan, l-għażla tal-metodu ta' kalkolu ma tistax tkun arbitrarja.

64. Għaldaqstant, fl-assenza ta' rata tal-kambju "uffiċjali" ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew, ir-rata użata mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandha tirrikonoxxi l-valur li jirrifletti, mill-iktar qrib possibbli, ir-rata tal-kambju li biha din il-munita partikolari tinbiegħ u tinxtara fis-suq.

[41] Jew, kif indikajt fil-punt 37 ta' dawn il-konklużjonijiet, anki li kieku kien japplika, il-Kodiċi Doganali tal-Unjoni ma fihx soluzzjoni għad-domanda preliminari li saret lill-Qorti tal-Ġustizzja.

[42] Wieħed jista' biss jispekula jekk l-assenza ta' regola għall-konverżjoni ta' muniti barranin f'euro kinitx intenzjonata jew sempliċement ommissjoni min-naħa tal-leġiżlatura. L-istorja leġiżlattiva li wasslet għall-adozzjoni tar-Regolament dwar il-kontrolli ta' flus kontanti ma tindikax jekk din il-kwistjoni ġietx wara kollox diskussa.

65. Din ir-rata tissodisfa l-għan oġġettiv ta' stabbiliment tal-livell limitu ta' EUR 10 000: li jiġu kkontrollati l-movimenti ta' flus kontanti *sinjifikattivi* biss sabiex il-vjaġġaturi u operaturi ekonomiċi jkunu affettwati *mill-inqas possibbli* fl-eżerċizzju tagħhom tad-drittijiet tal-moviment liberu [43].

66. Għall-finijiet ta' din il-kawża, il-qorti tar-rinviju għandha, għalhekk, l-ewwel tiżgura li r-rikorrenti fil-kawża prinċipali kienet jew setgħet kellha għarfien dwar il-metodu ta' konverżjoni ta' hryvnia Ukraina f'euro mill-awtoritajiet kompetenti Estonjani.

67. It-tieni, din il-qorti għandha sussegwentement tivverifika jekk il-prinċipju ta' konverżjoni adottat mill-awtoritajiet kompetenti, jiġifieri r-rata tal-kambju ppubblikata fuq www.xe.com, jirriflettix mill-iktar qrib possibbli l-valur (fis-suq) "attwali" ta' EUR 10 000 fil-hryvnia Ukraina [44].

68. Jirriżulta mill-proċess tal-kawża prinċipali li l-awtoritajiet Estonjani kompetenti jirreklamaw l-obbligu ta' dikjarazzjoni tal-Artikolu 3(1) fil-punt tal-qsim tal-fruntiera inkwistjoni. Huma jippubblikaw ukoll il-prinċipji ta' konverżjoni monetarja użati għal dan il-għan fis-sit internet tagħhom [45].

69. Barra minn hekk, minħabba li l-Bank Ċentrali Ewropew ma jippubblikax rata tal-kambju għall-konverżjoni tal-euro fil-hryvnia Ukraina, li wieħed jirrikorri għal sors ta' informazzjoni li juża r-rati medji fis-suq, bħal dak li jidher huwa l-każ għal www.xe.com, jissodisfa r-rekwiżit li jiġi rifless, mill-iktar qrib possibbli, il-valur ta' EUR 10 000 fil-hryvnia Ukraina għall-finijiet ta' kontroll tal-obbligu ta' dikjarazzjoni tal-Artikolu 3(1). Dan huwa għaliex tali rati jittieħdu minn punt medjan bejn ir-rati ta' xiri u r-rati ta' bejgħ ta' tranżazzjonijiet iddenominati f'munita partikolari.

70. F'dan ir-rigward, il-Gvern Estonjan issottometta li s-sit internet inkwistjoni jidher ukoll li jintuża minn tal-inqas minn żewġ Stati Membri oħrajn għal muniti li għalihom il-Bank Ċentrali Ewropew ma jippubblikax rata tal-kambju.

71. Bla ħsara għal verifika mill-qorti nazzjonali, jidher għalhekk li l-approċċ adottat mill-awtoritajiet kompetenti Estonjani jissodisfa kemm it-tgawdija effettiva tad-dritt li wieħed jidħol fit-territorju tal-Unjoni b'ċertu ammont ta' munita barranija fi flus kontanti mingħajr ma jiddikjarah minn naħa waħda, kif ukoll il-bżonn ta' applikazzjoni effettiva ta' kontrolli ta' flus kontanti sabiex jiġu miġġielda l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, min-naħa l-oħra.

[43] Kif iddikjarat mir-Rapport tal-Kummissjoni tal-2002, movimenti tal-flus kontanti sinjifikattivi biss għandhom jiġu kkontrollati sabiex "jintlaħaq bilanċ" bejn superviżjoni tajba ta' movimenti ta' flus kontanti u d-drittijiet għall-moviment liberu involuti. Dan huwa għalfejn il-livell limitu għandu jkun għoli biżżejjed sabiex isalva lill-vjaġġaturi u lill-operaturi ekonomiċi minn formalitajiet amministrattivi addizzjonali u lill-amministrazzjonijiet kompetenti minn ammont ta' xogħol sproporzjonat. Ara r-Rapport tal-Kummissjoni tal-2002, punti 18 sa 20.

[44] L-użu ta' siti internet ta' bureaux de change, bħal www.tavid.ee jidher li, realment jippreġudika l-effettività tas-sistema ta' kontroll ta' flus kontanti u d-dritt ta' portaturi li jġorru flus kontanti ta' valur ta' EUR 10 000 jew inqas, minħabba li dawn l-entitajiet jistabbilixxu r-rati tagħhom indipendentement mir-rati tal-kambju fis-swieq finanzjarji. L-użu ta' sit internet ta' bureau de change stabbilit fl-Estonja għalhekk iwassal għal rati differenti – ħafna drabi b'mod sinjifikattiv – minn entità simili, fi Spanja, pereżempju.

[45] F'dan ir-rigward, riċerka sempliċi fuq l-internet dwar kontrolli ta' flus kontanti fil-fruntiera Estonjana tiżvela bħala wieħed mir-riżultati tagħha, is-sit internet tal-Bord Fiskali u Doganali Estonjan. Fuq dan is-sit internet, huwa ddikjarat kjarament li flus kontanti ta' valur ta' EUR 10 000 jew iktar għandhom jiġu ddikjarati lill-awtoritajiet kompetenti. Dan is-sit internet jirreferi wkoll għal https://www.xe.com bħala l-metodu użat sabiex jikkonverti munita barranija f'euro. Ara https://www.emta.ee/en/private-client/consignments-travel-settlement/travel/declaration-cash.

IV. Konklużjoni

72. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, jiena nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi d-domanda preliminari magħmula mir-Riigikohus (il-Qorti Suprema, l-Estonja) kif ġej:

l-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) 2018/1672 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-23 ta' Ottubru 2018 dwar kontrolli fir-rigward ta' flus kontanti deħlin fl-Unjoni jew ħerġin mill-Unjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1889/2005

għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jistabbilixxix metodu partikolari għad-determinazzjoni tal-valur ta' munita f'euro li r-rata tal-kambju tagħha ma hijiex ippubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

Huma l-Istati Membri li għandhom jiddeterminaw il-metodu għal tali konverżjoni monetarja.